# IT-TLIET GRAZZJI

*(Jaqbad mal-għadd ta' Diċembru 1937, p. 124)*

It-tliet Grazzji kienu mixjin ħarir fl-arti sabiħa taż-żfin u Mrs. Younger darba ferħet lil Mrs. Busuttil għall-progress li kienet qiegħda tagħmel bintha Mary. Mhux għax it-tnejn l-oħra ma kinux bravi wkoll, imma Mary kienet l-aħjar waħda fost l-alljevi tagħha kollha. Fl-istess waqt li Mary kienet qiegħda tagħmel tant progress fiż-żfin, Lucinda kienet qiegħda tagħmel progress akbar fin-namur u kellha għal warajha nofs il-klassi. Imma hija kienet wisq miġbuda għal Bertie Cassar, li kienet għarfet fil-Ballu tal-Borża, u Bertie, għalkemm kien iħobb jiżfen ma' kulħadd, lil Lucinda kien taha biżżejjed x'tifhem li jippreferiha għal kulħadd, Lucinda, mogħmija wara Bertie, kienet għall-ewwel darba dinbet kontra l-Għaqda u ħbiet lil ħutha dik il-ġibda li kienet qiegħda, jum wara jum, tikber dejjem iżjed fiha.

F'dawk il-ħames minuti li l-mamajjiet kienu jiltaqgħu fl-antikamra ta' Mrs. Younger, jistennew lil uliedhom ħerġin kienu jgħidu waħda lill-oħra, il-bravuri ta' wliedhom, kemm fid-dar kif ukoll fl-iskola, kif ukoll ħafna praspar fuq kemm-il talba ġa kellhom għaż-żwieġ; talbiet ta' żgħażagħ għonja u mill-iżjed serji.

Jum wieħed, is-sinjura Busuttil kif reġgħet lura d-dar, mat-tliet Grazzji, minn għand Mrs. Younger, ġibdet fil-ġenb lil Lucinda u staqsietha min kien dak il-ġuvni li baqa' ħiereġ magħha sal-bieb ta' barra ta' Mrs. Younger. Mhux għax dak il-ġuvni kellha xi tgħid xi ħaġa fih, xejn affattu; kien żagħżugħ ħelu, twil u eleganti, u kif kienet ġa ntebħet fil-Ballu tal-Borża, kellu ħafna għal warajh. Imma, bħala omm, kellha tkun taf lil dawk iż-żgħażagħ kollha li kienu midħla ta' wliedha.

"Bertie," wieġbet xott xott Lucinda.

"Bertie Cassar?" kompliet l-omm.

"Iva," tenniet ftit u xejn mistagħġba Lueinda.

"Kif kien tħallih waħdu Lilian Muscat? Sa fejn naf jien Lilian mhix fil-klassi tagħkom, mhux hekk?" staqsietha is-sinjura Busuttil.

"Le. Lilian mhix magħna," kompliet Lucinda bħal waħda mismuta "imma x'għandha x'taqsam Lilian?

"Kif, ma għandhiex x'taqsam?" qabżet tgħid malajr il-Mamà." Tajba din ukoll mela ma tafx li Bertie u Lilian għarajjes?"

"Tassew. . . tassew. . . le, ma kontx naf," wieġbet Lucinda iżjed mejta milli ħajja; u li kieku ma żammetx massiġġu li kellha ma' ġenbha żgur kienet tistabat ma' l-art.

Ommha, peress li kienu aktarx fid-dlam, anqas ittendiet li bintha kienet safra daqs il-qarsa tax-xama'. Dik il-bxara ħażina Lucinda qatt ma kienet tistennieha imma għamlet sfors fuqha nfisha u qagħdet attenta ħafna li ma taħarbilhiex xi kelma jew xi taħrika, għax mita Lucinda ħbiet minn ħutha l-imħabba tagħha għal Bertie kienet qiegħda tixħet il-ġebla fuq saqajha. Issa mhux biss kellha titqanna bis-sogħba tagħha weħidha, imma kellha wkoll turi ruħha ferħana biex ma tikxefx agħwarha, mita qalbha kienet sewda, sewda faħma. Għalkemm, iżda, irnexxielha taħbi dak li kien ġralha, ma setgħetx tikkontrolla n-nervi tagħha għal kollox li, iżjed ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdew jikbru; kif ukoll beda jikber magħha l-kapriċċ li tinżebagħ, tnittef ħoġbejha, tlewwen difrejha u. . .namrat taqbad u ieħor terħi.

Xi jumejn wara li kienet semgħet il-bxara ħażina talgħerusija ta' Bertie (kien nhar-ta'-Sibt) kellha tmur il-lezzjoni taż-żfin, imma rat kif għamlet biex tiskarta u qalet lill-Mamà li kien iħossha ħażin u baqgħet id-dar weħidha fejn sfugat tajjeb tajjeb bil-biki u. . . kissret xi ħaġa wkoll. Mita ħutha ġew lura ġrew biex jaraw jekk kenitx aħjar u qalulha li kulħadd kien staqsa ħafna għaliha imma l-iżjed li wera sogħba għan-nuqqas tagħha kien Bertie.

"Ix-xjaten jeħduh," infexxet f'għajta Lucinda, u telgħetilha fawra f'wiċċha; imma malajr dawret it-taħdita u bdiet tistaqsi lil ħutha kif kienet Lucy, Josephine, u. . . . tal-klikka kollha.

Mary u Agata ħarsu ħarsa lejn xulxin imma ma setgħu jifhmu xejn x'kien ġara.

Nhar l-Erbgħa ta' wara, kien reġa' jmisshom imorru għand Mrs. Younger. Din id-darba Lucinda rabbiet il-ħila u marret. Lucinda, għandu jkun kellha jiġri fil-vini tagħha demm ta' artista għax għarfet taħbi għommitha b'mod talgħaġeb.

Ftit wara li daħlu, Bertie ġie fuqha u stedinha għal żifna. Qaltlu "iva" bħallikieku qatt ma kien ġara xejn, Żif-

net miegħu, tkellmet miegħu, daħket xi daħka wkoll. Wara ż-żifna marret miegħu f'rokna mwarrba, kif kienet tagħmel is-soltu, u malli kienu weħidhom u beda ser jaħbat jagħmlilha xi kumpliment, bil-kelma "vili" qabditu u bil-kelma "vili" ħallietu. Imma ġos-sala, waqt iż-żfin, xejn, xejn. Is-soltu tbissima kienet dejjem fuq xofftejha u mat-tbissima kienet qiegħda titrabba daħka, daħka ġdida, daħka nervuża, daħka ħażina.

Mita bdiet tgorr wara ommha li ż-żbigħ tal-wiċċ ma kienx ħaġa ħażina, li l-lum kulħadd kien jimxi mal-moda, u li s-sena 1936 ma kenitx is-sena 1900, sabet reżistenza qawwija, iżjed qawwija minn dik li kienet sabet il-Presidentessa tal-Għaqda mita, żmien qabel, kienet talbet lill-Mamà biex tħalli t-tliet Grazzji jmorru l-Ballu tal-Borża; imma gemgem il-lum u gemgem għada, il-Mamà fl-aħħar, xebgħet tisma' l-kliem u tara l-gdiedem u. . . bdiet iċċiedi.

Għall-ewwel Lucinda bdiet tqiegħed fuq ħoġbejha lewn kemm kemm jidher, u pasta fuq xofftejha armajn ta' lewn naturali u lostru fuq difrejha roża ċar; imma iżjed ma bdiet tara lil ommha tiskot iżjed bdiet iżżid, iżżid, iżżid.

Ħutha, ma għandna xi ngħidu xejn, ħadu għalihom, mhux biss għax ma kinux jaqblu mal-prinċipju tagħha, imma l-iżjed għax Lucinda kienet bdiet tagħmel il-ħwejjeġ weħidha mingħajr ma tikkonsulta l-Għaqda. Imma ġara li kliem il-ħbieb dawrulhom rashom. Dawk l-imgħarrqin ta' angli biddenb kienu kollha konfoffa waħda u bdew jikkritikaw lil Talja u Aglaja li kienu qed itellfu l-ġieħ tat-tliet Grazzji bis-sistema tagħhom qadima daqs Pizzolu li "ix-xebbiet ma għandhomx jissebbħu". U isma' l-lum u isma' l-għada spiċċaw biex bdew jitniġġsu minn oħthom u bdew, huma wkoll, iċellqu ma' wiċċhom, sa kemm, huma wkoll, tgħallmu u saru esperti.

Il-Mamà ħabtet tieqaf fuq tagħha għal dan il-kapriċċ żejjed u bla fejda, tat-tliet uliedha; imma l-Presidentessa malajr fehmet lill-Mamà li l-ħbieb tagħhom, bniet u subien, kienu qegħdin jidħku bihom u jsejħulhom: "It-tliet Grazzji ta' żamżam", li huma ma kinux iżjed tfal ta' l-iskola, u li bilħmerijiet qodma tagħha kienu qegħdin jitilfu kull ċans taż-żwieġ. Liema ġuvni f'dan is-seklu kien sejjer jintriga b'tifla li anqas taf iżżomm ruħha "chic" u "à la mode".

Il-Mamà ma għandna xi ngħidu xejn, bdiet tħoss bħal toqol fuq il-kuxjenza. "Ih! X'waħda din! Min jaf hux

tassew dak li qiegħda tgħidli Agata. Ma rridx għal ftit żebgħa 'l hemm u 'l hawn intellfilhom xortihom". U flok għajn waħda qaflet għajnejha t-tnejn u ħallietho m iċeilqu u jċappsu kemm iridu.

Imma għalkemm il-qoxra ta' wiċċhom ħadet sura iżjed sabiħa, xofftejhom ħmaru, idejhom saru jgħaxxqu. . . l-għarajjes ma ġewx. U iżjed ma bdew igħaddu s-snin u jiżdied it-tiċliq u t-tiċpis, iżjed beda jonqos iċ-ċans ta' xi għerusija.

"Imma x'għandhom uliedi anqas mill-oħrajn," sfugat darba l-omm magħha nfisha. "Flus, għalkemm mhux wisq, għandhom; koroh mhumiex, bravi f'kollox; x'jonqoshom mela?"

It-tweġiba iżda ma ġietx.

Agata li qatt ma kellha ħsieb tiżżewweġ ma kenitx tagħti widen għat-talbiet. Kienet aktar tħobb titkellem fuq awturi, opri u invenzjonijiet milli fuq il-ħmerijiet ta' l-imħabba u kont dejjem taraha titkellem ma' xi raġel imdaħħal fiż-żmien.

Lucinda wara d-daqqa ta' ħarta li kienet iddubbat minn għand Bertie, kienet saret namriċes mill-iprem u malli xi żagħżugħ kien jaqbad ikellimha u kien juriha l-ħsibijiet serji li kellu għaż-żwieġ, kienet tħallih bħal erbgħa fost il-ġimgħa u. . . taqbad ieħor iżjed ferrieħi u. . . bi ħsibijiet inqas serji.

Mary kienet iffissatha li kull minn jagħmlilha xi kumpliment u juri għaliha xi ġibda kien ikun qiegħed iħares lejn flusha; għalhekk kienet tiskartah jew tħallih ilablab u f'qalbha tidħak bih.

Din kienet ir-raġuni għala t-tfal tas-sinjura Busuttil baqgħu xebbiet avolja. . . ma kien jonqoshom xejn. Il-Mamà, iżda, dawn il-ħwejjeġ ma kienu qatt għaddewlha minn rasha u kienet dejjem taħseb: "X'għandhom uliedi anqas mill-oħrajn?"

Darba fettlilha tiftaħ qalbha ma' waħda ħabiba tagħha, is-sinjura Bonello. Is-sinjura Bonello qagħdet bis-sabar kollu tismagħha tisfoga dak li kellha mrekken u miġbur fuq l-istonku tagħha minn xi għaxar snin u skantat mhux ftit mita semgħet li t-tlitt ibniet tas-sinjura Busuttil kellhom ħmistax-il xelin renta kull jum kull waħda u kienu għadhom ma sabux għarus. Tassew li issa kollha kienu għalquhom it-tletin sena imma kienu għadhom ħelwin, sbieħ u fuq ruħhom. Is-sinjura Bonello sabet ruħha daharha mal-ħajt għall-mistoqsija li sikwit kienet tagħmlilha l-imdejqa ħabiba tagħha: "Imma x'għandhom uliedi biex ħadd ma jridhom?" u fl-aħħar biex

teħles minnha u tgħidilha xi ħaġa, qaltilha: "Int, għax int iffissata li ma tridx tirranġa ftit ruħek? X'fiha billi tinżebagħ xi ftit? U dak xagħrek mita sejra taqtgħu? Ma tafx li l-ġuvintur tal-lum iridu l-Mamà tal-għarusa tagħhom tkun eleganti u moderna?" u biex tispiċċalha b'ċajta għax ratha bħal kienu ħabtet titfantas: "Il-Mamà tat-tliet Grazzji għandha tagħmel ġieħ lill-Mitoloġija; ma tafx li int il-mara ta' l-alla Żewż?"

Is-sinjura Busuttil daħket, daħket fuq il-qalb, imma daħket biex ma turix lis-sinjura Bonello li kliemha kien qed iweġġgħelha qalbha.

Wara xi jumejn it-tliet Grazzji stagħġbu bil-bosta mita raw 'il-Mamà gejja minn barra b'xagħarha maqtugħ qasir u kollu nnukklat. Bdew iduru magħha, jistaqsuha, iżiegħlu biha, imma ma setgħu jieħdu xejn minn fommha.

Anqas laħqet għaddiet ġimgħa li ma ħadux theżhiża akbar. Kien nhar ta' Sibt u kellhom imorru għall-Ftuħ tat-Teatru Rjal. Mita niżlu isfel biex joħorġu ittendew li l-Mamà li s-soltu tkun dejjem lesta l-ewwel waħda, kienet għadha ma niżletx minn fuq. "Mamà", għajtet Agata wara li telgħet xi erba' tarġiet, biex issemma' leħinha sewwa, "int m'intix lesta?"

"Iva, iva, ġejja" wieġbet minn fuq il-Mamà, imma ma dehretx avolja laħqu għaddew xi ħames minuti oħra.

Agata bdiet titbaqbaq. Xi ġralha l-Mamà? Sejra ttellifna l-isbaħ rumanza ta' l-Aida? Xi ġralha l-lum? "Xi ġralek, Mamà? Int nieżla jew le?" reġgħet għajtet Agata wara li telgħet sa l-ewwel indana għax il-kamra tas-sinjura Busuttil kienet tinsab fit-tieni sular.

"Ġejja, ġejja, x'għaġla għandkom il-lejla?" wieġbet is-sinjura Busuttil.

Imma Agata ma kellhiex sabar tistenna iżjed u għamlet is-sinjal lil ħutha biex jitilgħu magħha: "Mary. . .Lucinda. . , itilgħu. . . imxu naraw x'qiegħda tħawwad; sew sew il-lejla ġejja b'dan it-tul kollu!"

U t-tlieta, waħda wara l-oħra, reġgħu telgħu t-taraġ u marru dritt għall-kamra tal-Mamà. It-tliet Grazzji ħadu theżhiża bil-wisq akbar minn dik li kienu ħadu l-ġimgħa ta' qabel mita raw 'l ommhom tasal id-dar b'xagħarha maqtugħ.

Bil-qiegħda fuq siġġu, biswit il-mera, il-Mamà kellha quddiemha kaxxa ta' l-irtokk kompluta daqs ta' Lon Chaney

u kienet qiegħda tindilek, titħammar, titqaxxar, biex tissebbaħ kemm jista' jkun. Għajnejha b'dak l-iżraq-irmiedi ma' dwarhom, kienu tbiddlu għal kollox u ħaddejha ħadu r-ruħ u sura oħra. Issa kienet qiegħda tibdel il-lewn ta' xufftejha u kellha f'idha pastell lewn il-qroll. It-tliet Grazzji baqgħu bħal mixrubin iħarsu lejn xulxin; imbagħad infexxu f'daħka li dwiet mad-dar kollha. Is-sinjura Busuttil inħasdet, għax anqas kienet semgħethom telgħin it-taraġ u daret fuqhom bil-herra: "Tajtuni qatgħa, kesħin; ma tistgħux tistennew ftit? X'inhi din il-għaġla kollha l-lejla?" u reġgħet daret lejn il-mera biex ittemm dik l-ewwel biċċa xogħol tagħha, fis-sengħa tat-tisbiħ.

It-tlitt ibniet ma tniffsux iżjed u niżlu bil-qajla l-qajla t-taraġ, iħarsu lejn xulxin, bħallikieku riedu jistaqsu b'għajnejhom waħda 'l oħra x'kienu jaħsbu u x'kien jidhrilhom minn dik it-tibdila ta' maljar malajr li kienet saret f'ommhom. Imma ebda waħda minnhom ma setgħet tagħti nitfa ta' ħjiel lill-oħra. U dik it-tibdila baqgħet għalihom misteru kif misteru baqa' għal ommhom il-għala mit-tlitt ibniet tagħha ebda waħda ma kellha x-xorti tiżżewweġ.

Dik il-lejla tal-Ftuħ tat-Teatru, is-sinjura Busuttil kienet tidher ta' ħmistax-il sena iċken u għamlet l-isbaħ figura. Innies kollha bdew jistaqsu min kienet dik is-sinjura ħelwa li kienet qiegħda maġenb it-tliet Grazzji; u mita saru jafu li ma kenitx ħaddieħor ħlief is-sinjura Busuttil ma stagħġbux ftit bil-bidla li kienet saret fiha.Is-sinjura Busuttil kienet dejjem tgħid li t-tfajliet tal-lum kienu qegħdin igħumu fil-lussu u li kellhom wiċċhom qisu maskra għax miksi bit-terer u ż-żebgħa; imma minn ftit taż-żmien il hawn mhux biss kienet qiegħda tħalli lil uliedha jagħmlu bħal dawk il-ħafna "nies bla ġieħ" (kif kienet tant tħobb issejħilhom) imma, hija wkoll, kienet waqgħet fil-każa. Misteru ! ! !

Is-sakrifiċċju issa ta' dik l-omm ħanina xejn ma sewa. Għandu jkun is-sinjura Bonello ma kenitx tatha parir xieraq għax ebda ġuvni ma deher iżjed miġbud lejhom minħabba iż-żebgħa ta' wiċċ il-Mamà. U iżjed ma beda jgħaddi ż-żmien iżjed bdew jonqsu ċ-ċansijiet; u iżjed ma bdew jonqsu ċ-ċansijiet iżjed beda jiżdied il-ħala, ix-xalar, it-tiċpis.

Mita, żmien żmien qabel, kienet ħarġet il-moda li n-nisa jnittfu u jsewwu ħuġbejhom, u t-tfal tas-sinjura Busuttil dehrilhom li għandhom jagħmlu l-istess ħaġa biex jimxu malmoda, il-Mamà kienet għamlitilhom xenata kbira u saħansitra għajrithom "xantużi"; issa bl-akbar sabar, kienet toqgħod tara

mhux biss lil uliedha jnittfu waħda 'l oħra, imma kienet drat toqgħod ukoll biex inittfu lilha.

Ħwejjeġ tal-għaġeb imma. . . li jiġru.

It-tliet Grazzji issa ma kinux imħittxija iżjed min-namrati u mill-għarajjes għax. . . żmienhom kien għadda; imma kull min ried jorganizza xi Fiera sabiħa fil-ġonna ta' l-Argotti jew għand is-Sależjani f'tas-Sliema jew ried jagħmel xi Reċta, xi kunċert għall-karità, ma kellux ħlief imur għandhom.

Dik il-Għaqda li fi ċkunithom kienet rabtithom ma' xulxin, issa kienet għamlithom biċċa waħda għal kollox, blokk siment iebes iżjed mill-ħadid; u jekk fi żmien l-iskola kien hemm xi ħadd li ma kienx jafhom b'laqamhom, il-lum Malta kollha bi ħġarha kienet tagħrafhom bħala t-tliet Grazzji.

It-tliet Grazzji kienu magħrufin f'kull rokna tal-Belt fejn kienu joqogħdu fix-xitwa; f'Ħal Balzan u l-inħawi fejn kellhom Villa żgħira bl-aħjar frottijiet u fejn kienu jmorru jgħaddu xi xhur tar-Rebbiegħa u fejn kienu ta' sikwit jorganizzaw xalati mill-isbaħ: f'San Ġorġ ta' Birżebbuġa fejn kellhom dar sew sew biswit il-lukanda ta' Dowdall għax-xhur tas-sajf u fejn kienu għal sigħat sħaħ jiltaqgħu ma' ħafna ħbieb ingliżi jilagħbu l-Bridge.

Il-Mamà kienet ilha minn snin u snin ma tindaħlilhomx iżjed fl-affarijiet tagħhom; imma kull fejn kienu jmorru huma kienet tmur warajhom. U għalkemm kienet bdiet tixjieħ kienet baqgħet iżżomm ruħha tajjeb biex ma tagħmelx għajb lil uliedha; u t-tliet Grazzji kienu jiċċajtaw ma' ommhom bħallikieku kienet oħthom il-kbira. Iżda qatt ma ġiethom il-ħila jistaqsuha x'kien ġagħalha tbiddel f'jum wieħed fehmitha, tmur taqta' xagħarha u taqbad tinżebagħ. Darba waħda waqt waħda mil-laqgħat tal-Għaqda, Agata kienet qanqlet din l-affari imma t-tliet Grazzji ftiehmu bejniethom biex ma jqanqlux il-ħama qiegħed u qatt ma tkellmu fuq din il-ħaġa li baqgħet għalihom l-akbar misteru.

L-omm ukoll xtaqet kemm-il darba tiftaħ xi taħdita ma' wliedha ħalli ssib it-tarf ta' dik il-kobba mħabbla li ma rnexxielha qatt tħoll; imma, hija ukoll, dehrilha li aħjar ma tqanqalx il-ħama qiegħed; għalhekk, kif u l-għala uliedha baqgħu xebbiet, baqa' għaliha l-akbar misteru.

U l-ħajja tat-tliet Grazzji u l-Mamà tagħhom baqgħet milfufa f'dak is-sigriet. . . tant sempliċi.

Ivo Muscat-Azzopardi

Lixandra, 19 ta' April, 1936.